# KUNSILL LOKALI MTARFA

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 54 – IL-ĦAMIS 11 TA' AWWISSU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 52

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 52 mingħajr emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI 52

2.1 Is-SE infurmat li l-grada għall-entratura tax-xelter kienet waslet u qegħda għand il-*handyman* biex jagħmlilha xi aġġustamenti qabel iwaħħalha. Il-kuntrattur kien għamel il-konkos kif mitlub biex b'hekk fi ftit ġranet oħra din iż-żona tista' tibda tingħalaq.

2.2 Is-SE infurmat li x-xogħol mistenni mill-*electrician* tal-Kunsill kien tlesta u kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni mill-ġdid lill-Enemalta. Hija infurmat li kienet ukoll marret fuq il-post mal-*foreman* biex turih il-post għal fejn saret l-applikazzjoni.

2.3 Is-SE infurmat li l-ġbir tal-iskart kien treġġa' lura għal filgħodu u jidher li l-maġġorparti tar-residenti kienu aktar ferħana għaliex kien hemm aktar koperazzjoni. Min-naħa l-oħra xorta kien għad hemm numru ta' residenti li kienu għadhom iwebbsu rashom u baqgħu joħorġu l-borża s-sewda kuljum meta dawn ġew avżati diversi drabi li t-Tlieta u l-Ġimgħa kienet il-ġurnata tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli.

2.4 Hija infurmat li wara diskussjoni mal-LESA, kien qed jiġi ssuġġerit li l-gwardjani jibdew jiġu fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa u minflok li jibqa' jagħti twissijiet, jingħataw ċitazzjonijiet fejn verament jinstab li persuna hija ħatja ta' *dumping*.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Fuq talba tas-sindku kien hemm qbil li dan il-punt jinqabeż temporanjament sabiex ikun hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku, li kien għadu ma wasalx.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI MTFLC/Q/03/2016 – KWOTAZZJONI PUBBLIKA GĦAL POSTA BL-IKEL MALTI U POSTA BIX-XORB GĦAL MILITARY MTARFA 2016

5.1 Is-SE infurmat li ma kien hemm ebda kuntrattur li waddab offerta għal din il-kwotazzjoni. Kien hemm qbil li ladarba jidher li ma kienx hemm interess minn ebda operatur tal-*catering*, is-Sindku u s-SE għandhom jassiguraw li jkun hemm xi *stalls* b'xi tip ta' ikel u xorb għall-viżitaturi tal-ġurnata.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI MTFLC/Q/04/2016 – KWOTAZZJONI PUBBLIKA GĦALL-FORNIMENT U TRASPORT TA' ILMA GĦAT-TISQIJA TAL-ĠONNA

6.1 Is-SE infurmat li kien hemm 3 offerenti kif setgħu jaraw fuq ix-*schedule of rates* li kienet intbagħtet lilhom permezz tal-*email*.

6.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħżel l-irħas offerta, dik tas-Sur Alex Attard.

## 7. BORD TAL-EVALWAZZJONI – KUNTRATT TAL-PERITI

7.1 Is-SE infurmat li min-naħa tad-DLG kienu infurmaw lill-Kunsilli li l-offerti kollha jridu jibdew jinħarġu b'mod elettroniku (*e-tendering*) u dan kien ifisser li l-proċedura tal-ħruġ, ftuħ u evalwazzjoni tal-offerti kienet se tinbidel. Hija tat spjega qasira ta' kif se tkun din il-proċedura.

7.2 Is-SE infurmat li minħabba li l-kuntratt tal-periti kien skada, hija kienet fil-proċess li toħroġ offerta ġdida. Għaldaqstant talbet lill-Kunsill biex jagħżel 3 persuni li jkunu fuq il-bord tal-evalwazzjoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn ikunu periti li jaħdmu mal-Gvern Ċentrali u m'għandhomx konnessjoni mal-privat. Is-SE għandha tagħmel kuntatt mal-Periti David Vassallo, Edric Micallef u Robert Musumeci biex jinstabu żewġ evalwaturi u magħhom ikun hemm ukoll is-Sindku.

## 8. REMEMBRANCE PROJECT / MILITARY MTARFA 2016

8.1 Is-SE infurmat li min-naħa tal-LUNF kienu infurmawha li kienu se jagħmlu tajjeb kemm għall-ikla u inbid kif ukoll għall-ispejjeż tal-*convoy*.

8.2 Hija għaddiet kopja tal-baġit tal-attività għall-informazzjoni tal-Kunsilliera. Hawnhekk, il-Kunsill qabel fost oħrajn li għal din is-sena, il-baġit għall-*marketing* tal-attività għandu jkun dak ta' €1000.

8.3 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq din l-attività kien għaddej ġmielu. Kienu ingħata bidu għall-kostruzzjoni tal-props fost oħrajn u kienu diġà bdew isiru anke r-rehearsals tal-ġlidiet għaliex din id-darba ma kienx se tkun sempliċi ġlieda imma se tkun maħsuba u maħduma qisha reċta.

8.4 Fir-rigward tal-ikla għad-delegazzjoni, huwa informa li din kienet se tikkonsisti minn starter ta' cannelloni bil-ġbejniet, fenek u żaqq tal-majjal għall-*main course* u bħala deżerta kien se jkun hemm imqaret bit-Tia Maria. L-ikla kienet se ssir fil-bosk fejn diġà hemm l-imwejjed u anke l-elettriku u fil-każ ta' maltemp kienu se jsiru arranġamenti biex kollox isir fl-iskola.

## 9. ĠBIR TA' SKART FIL-LOKALITÀ

9.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet l-ittra lir-residenti ta' madwar Trejqet Ħażnet l-Ilma u l-maġġorparti tar-risposti kienu favur li l-ġabra ssir bieb bieb. Fil-fatt, bħala risposti kien hemm 7 li talbu ġabra bieb bieb u 3 li talbu li terġa' titpoġġa l-iskip. Is-Sindku informa li huwa kien diġà tkellem mal-kuntrattur mhux b'mod uffiċjali u dan kien qallu li mhux possibbli li jaħdem bieb bieb f'dik iż-żona sakemm ma jkunx hemm bdil fir-rata tal-ħlas. Kien hemm qbil iżda li s-SE għandha tkellem lill-kuntrattur u tinfurmah li x-xewqa tar-residenti u tal-Kunsill hija li ssir il-ġabra bieb bieb mingħajr ebda żieda.

9.2 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li n-naħa tiegħu, il-ġabra qed issir wara d-9:00am. Dan ifisser li qed ikun hemm dewmien biex jinġabar l-iskart kollu mill-ħin li l-Kunsill oriġinarjament informa lin-nies biex joħorġu l-boroż tagħhom. Huwa qal ukoll li numru ta' residenti kienu wrew il-preokkupazzjoni tagħhom minħabba li joħorġu mid-dar qabel is-7:00am u għaldaqstant qed jibżgħu li jaqilgħu ċitazzjoni jekk jinduna b'dan xi gwardjan. Għaldaqstant issuġġerixxa li s-sinjali jinbidlu biex il-ħin għad-*drop-off* ikun bejn il-5:30am u t-8:00am. Il-Kunsill qabel li huwa suġġeriment validu u għaldaqstant kien hemm qbil li l-ħinijiet fuq it-tabelli għandhom jinbidlu mill-ġdid.

9.3 Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa wkoll li l-LESA tintalab toħroġ avviż (*warning*) permezz ta' *ticket* stampat lil kull *first time offender* biex min jabbuża jifhem aktar is-serjetà tal-każ. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li sal-1 ta' Ottubru għandu jinħareġ avviż lil kull min jinqabad jagħmel dumping jew littering għall-ewwel darba u wara l-1 ta' Ottubru mbagħad tinħareġ multa lil kulħadd, irrispettivament jekk tkunx l-ewwel darba li nqabad jew le. Il-Kunsill kollu qabel ma' dan is-suġġeriment.

9.4 Fir-rigward tal-kuntrattur kien hemm qbil li kemm-il darba dan ma jaċċettax it-talba tal-Kunsill li jiġbor bieb bieb mingħajr remunerazzjoni żejda, dan għandu jintalab sabiex jibgħat nota bil-miktub lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-ħlas għandu jibqa' l-istess kif mitlub skont it-*tender* biż-zieda tat-€2 kuljum tal-iskip iz-zejda għalkemm din tneħħiet, sabiex tagħmel tajjeb għall-iskariġġ tal-ġbir bieb bieb.

9.5 Is-SE ġiet mitluba tinforma lill-kuntrattur ukoll sabiex ma jibdiex il-ġabra tal-iskart it-8:00am izda li sal-11:00am l-iskart irid ikun inġabar kollu.

9.6 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Vella. Il-ħin kien it-8:30pm. Huwa ngħata spjega tad-deċizjonijiet li ttieħdu dwar l-iskart u huwa qabel kompletament magħhom.

## 10. ĊIRKULARI NRU. 8/2016 – INIZJATTIVA FINANZJARJA FAVUR IL-KOMUNITÀ – LIBRERIJI LOKALI

10.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' din iċ-ċirkulari lill-Kunsilliera kollha. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu japplika għall-massimu, jiġifieri li jħallas €600 u jibbenefika minn €600 oħra f'kotba min-naħa tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali.

## 11. ĊIRKULARI 9/2016 – INIZJATTIVA DWAR RESTAWR TA' POSTIJIET STORIĊI 2016

11.1 Is-SE infurmat li kienet reġgħet ħarġet l-inizjattiva għal restawr ta' postijiet storiċi li mhumiex fir-responsabbiltà diretta (mhux devoluti) tal-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jerġa' jitfa' applikazzjoni oħra għall-faċċata tal-iskola primarja.

11.2 Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li l-Kunsill għandu japplika għar-restawr tal-binja tal-karnival imma hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni li setgħet issir biss applikazzjoni waħda.

11.3 Is-Sindku informa li huwa kien qed jaħdem biex 'il quddiem din il-binja taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali sabiex isir uzu tajjeb minnha għall-kommunità kollha. Il-Kunsill kollu qabel li din il-binja għandha tiġi devoluta lill-Kunsill qabel ma ssir aktar ħsara fuqha.

## 12. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

12.1 Kien hemm qbil li ladarba kien hemm kulħadd, is-Sindku għandu jagħmel il-kommunikazzjonijiet tiegħu.

12.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tara l-possibbiltà li jsiru 3 CCTV cameras, waħda faċċata tal-aħwa Cortis, waħda faċċata ta' Binja Ġebel Dwejra fi Triq l-Imtarfa u oħra quddiem il-kamra tal-periti fi Triq it-Torri tal-arloġġ. Hija għandha tara l-possibbiltà wkoll li titwaħħal oħra fuq wara tal-binja tal-karnival.

12.3 Is-Sindku informa li kien attenda għal laqgħa li ġiet organizzata għal kull min għandu xi interess fil-Majjistral ta' Malta fejn fost oħrajn issemmew possibbiltà ta' fondi fir-rigward tal-kultura, turizmu, artiġjanat, edukazzjoni, ambjent. Huwa informa li l-Kunsill tal-Imtarfa seta' japplika għal dawn il-mizuri bi proġetti bħar-restawr u r-riġenerazzjoni tal-binja tal-karnival, l-estensjoni tal-bosk kif ukoll b'possibbiltà ta' xi mobile app għat-turisti.

12.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li s-SE għandha tara l-possibbiltà li jkun hemm mezz biex is-CPD jkollhom aċċess biex jitfu n-nar kemm-il darba jkun hemm xi ħruq. Hija infurmat li l-uffiċċju diġà kienu qed jagħmlu kuntatt mas-CPD u kienet se tinforma lill-Kunsill b'xi zviluppi li seta' jkun hemm.

12.5 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar meta se jsir ix-xogħol tal-entratura tal-bosk, is-SE infurmat li kienet reġgħet bagħtet aktar kommunikazzjonijiet lill-periti tal-Kunsill biex tittieħed azzjoni mill-aktar fis possibbli.

12.6 Is-Sindku informa li kien issettja data għall-ħarġa għall-anzjani għal Għawdex u din kienet se ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu.

12.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li ħarġet sejħa pubblika huwa applika għal impjieg definit mal-Gvern marbut mal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE. Fost id-dmirijiet tiegħu, is-Sindku tenna li se jkollu bosta impenji barra l-pajjiż u fid-dawl taċ-ċirkustanzi talab il-koperazzjoni tal-Kunsilliera biex ikunu flessibbli kemm jista' jkun fl-aġġornament tal-laqgħat. Il-Kunsill innota l-impenji uniċi li ġġib magħha l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u wera l-appoġġ unanimu tiegħu lis-Sindku.

## 13. PUNTI OĦRA

13.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Bugeja dwar arblu bla ebda kommunikazzjoni li qiegħed fi Triq Dar il-Kaptan k/m Triq Sir Temi Zammit, is-SE infurmat li kienet

baghtet diversi kommunikazzjonijiet dwaru. Hija kienet se terġa' tara li jiġi rrappurtat.

13.2 Il-Kunsilliera Bugeja talbet lis-SE sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-kennies dwar il-*gutters* ta' Triq l-Anzjani minħabba li kien ilhom ma jitnaddfu u kienu mimlija ħaxix. Is-SE infurmat li kienet diġà inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill xi ġranet qabel, kemm b'mod telefoniku kif ukoll permezz ta' *email* fir-rigward tal-*gutters* u l-*culverts* kollha.

13.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Bugeja dwar it-trasport pubbliku fl-Imtarfa, is-Sindku informa li l-Kunsill kien qed jistenna l-pjanti mingħand il-periti sabiex issir ri-organizzazzjoni tal-parkeġġi fi Triq ir-Reġimenti Maltin fejn hemm il-ħsieb ukoll li jsir spazju għal karozza tal-linja biex b'hekk ikun hemm żewġ postijiet fejn jistgħu jieqfu dawn il-vetturi.

13.4 Il-Viċi Sindku fakkar lis-SE sabiex issir ċinta fiż-żona tal-karnival biex ma jibqgħux jarmu t-trakkijiet hemm. Huwa talabha wkoll biex tgħid lill-kuntrattur tas-soft areas biex jagħmel xi żbir fi Triq l-Anzjani u jagħmel il-konki u jinqata' l-ħaxix ħdejn tal-Karnival. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li nitolbu lill-kuntrattur tas-soft areas biex jattendi għal-laqgħa li jmiss.

13.5 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE sabiex isir eżerċizzju fi Triq Gregorio Caraffa biex nistabbilixxu kemm jidħlu parkeġġi kemm-il darba jsiru l-parkeġġi. Kien hemm qbil li wara li jsir dan l-eżerċizzju għandha tibgħat korrispondenza lir-residenti fejn tinfurmahom bid-differenza fin-nuqqas ta' numru ta' parkeġġi li jistgħu jiddaħħlu jekk isiru l-marki.

13.6 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE dwar il-bozza li kellha ssir fi Triq is-27 ta' April. Is-SE infurmat bil-problema li kien hemm sabiex ikun hemm din il-kommunikazzjoni u għaldaqstant kien hemm qbil li għandha titlob l-għajnuna tal-enġinier tar-reġjun.

13.7 Il-Kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni li numru ta' residenti qed jgħaddu bil-kontra tas-sinjali tat-traffiku fi Triq Sir Temi Zammit u talab li tintbagħat ittra lir-residenti. Kien hemm qbil iżda min-naħa tal-Kunsilliera l-oħra li minflok l-ittra għandu jintbagħat il-gwardjan f'din iż-żona.

13.8 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE sabiex tivverifika kemm fadal biċċiet ta' *sleeping policemen* biex terġa' tiġi mpoġġija lura dik ta' Triq Theuma Castelletti.

13.9 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello hija kienet attendiet għal laqgħa mal-PA flimkien mal-Perit. Jidher li l-ħajt mhuwiex skedat imma huwa storiku u għaldaqstant il-PA talbu li kemm jista' jkun ma jsir xejn li jista' jagħti dehra differenti milli hemm fil-preżent. Hija infurmat li għandha terġa' tiltaqa' mal-periti fuq is-sit.

13.10 Is-SE infurmat li dakinhar kienet irċeviet ċirkulari min-naħa tad-DLG bin-numru 11/2016 dwar skema għal impjieg ta' persuni b'diżabbilità. Kien hemm qbil li ladarba l-Kunsill diġà qed jibbenefika minn din l-iskema, m'għandux għalfejn jerġa' japplika.

13.11 Is-SE ġibdet l-attenzjoni dwar xi xogħlijiet li kienu saru fuq wara ta' Triq Gregorio Caraffa, allegatament minn xi residenti. Kien hemm qbil li s-SE għandha tgħaddi dan ir-rapport lill-Awtorità tad-Djar.

13.12 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva ittra bl-avukat min-naħa tal-Awtorità tad-Djar dwar il-garaxxijiet f'Binja Qlejgħa li allegatament il-Kunsill għamel xogħol ta' tarmak fil-parkeġġ. Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-avukat tal-Kunsill biex iħejji ittra lura fejn jinnega li qatt għamel dan ix-xogħol u li kemm-il darba huma qed

jakkużaw lill-Kunsill għandhom juru l-provi li dan hu minnu. Il-Viċi Sindku u s-SE infurmaw li diġà kienu ltaqgħu xi żmien ilu mas-Sur Tony Ellul mill-Ministeru kif ukoll maċ-Chairperson tal-Awtorità u infurmawhom b'dan kollu. Il-kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni wkoll li fil-passat diġà kien hemm kommunikazzjonijiet simili min-naħa tal-avukat tal-Kunsill mal-Awtorità.

13.13 Is-SE infurmat li dik il-ġimgħa kienet se tagħmel it-talba uffiċjali lid-DLG dwar ix-xewqa tal-Kunsill biex jagħmel il-ġemellaġġ ma' Pumpherston fl-iskozja. Hija infurmat ukoll li hi u s-Sindku kienu se jiltaqgħu ma' rappreżentant tal-MEUSAC biex issir l-applikazzjoni għall-fondi tal-EU sabiex ikun hemm skambju ta' 44 persuna fejn il-fondi li jingħata l-Kunsill mill-EU kemm-il darba tiġi aċċettata kienu se jkunu ta' €7500. Hija qalet li l-Kunsill seta' joħroġ biss sa massimu ta' €3500 u l-kumplament tal-ispejjeż setgħu jiġu rkuprati mill-*co-financing fund*.

13.14 Is-SE infurmat li dakinhar kien kellha laqgħa mas-SE tar-Reġjun flimkien mal-enġinier dwar il-kuntratt tal-*istreet lighting* li kien wasal fl-aħħar biex jinħareġ. Hija kienet ġibdet l-attenzjoni lilhom dwar it-tip ta' dwalijiet differenti li hawn fl-Imtarfa.

13.15 Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li għandha tinħareġ kwotazzjoni pubblika għal xogħol u forniment ta' marki u tabelli.

## 14. Aġġornament

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9:35pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-30 ta' Awwissu 2016 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**